# QORTI ĊIVILI

## (Sezzjoni tal-Familja)

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**Illum 31 ta' Ottubru 2018**

Rikors Nru. 269/2016 RGM

Kawza fil-lista: 14

**A B**

**Vs**

**L-Avukat Dr. Noel Bartolo u l-P.L. Liliana Buhagiar b'digriet tad-19 ta' Dicembru 2016 gew mahtura kuraturi deputati ghall-assenti C D**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur li permezz tieghu ppermetta u talab is-segwenti:-

Peress illi l-partijiet izzewgu fit-22 ta' Lulju 2009 minn dan iz-zwieg twieled tifel li jismu Karim u li ghandu sitt (6) snin;

Peress illi z-zwieg tfarrak minhabba tortijiet imputabbli lir-ragel minhabba sevizz, eccessi, ingurja gravi u theddid, u affarijiet ohra skont il-Ligi li jimmeritaw is-separazzjoni bejn il-partijiet;

Peress illi l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ghandha tigi terminata, xolta u likwidata b'mod li jigi tenut kont skont il-Ligi tal-htijiet kommessi mill-konvenuta fil-konfront tal-attur, anke jekk inkun apportun billi tigi stabbilita` d-data ta' meta l-istess konvenuta rrendiet ruhha hati tal-firda;

Peress illi l-kreditu parafernali tal-attur u l-beni dotali/parafernali tal-attur ghandhom jigu lilu restitwiti;

Peress illi l-esponenti giet awtorizzata tibda l-kawza tas-separazzjoni b'digriet;

Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex taqta u tiddeciedi u tordna;

1. Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara illi l-intimat huwa hati tal-firda ghall-wahda mir-ragunijiet imsemmija fil-Kodici Civili u ghalhekk ghandu jitlef a bazi tal-istess Kodici l-jeddijiet imsemmija fl-artiklu 631, 633, 825, 825, u 827 kif ukoll dak kollu li jkun inkiseb l-parti l-ohra b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratwit, kif ukoll kull jedd ta' parti miz-zwieg ghan-nofs tal-akkwist li jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-Qorti bhala d-data meta l-parti l-ohra ghandha tkun kkunsiderta li minnha jkun hatja tal-firda u ghalhekk tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan billi tapplika dawn is-sanzjonijiet tal-Ligi kontra l-istess intimat.

2. Tittermina u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi u taqsam u tassenja l-istess komunjoni bejn il-partijiet a favur tal-esponenti.

3. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tirritorna lill-attur l-beni partikolari dotali u parafernali tieghu jew dik is-somma li tigi likwidata bhala rapprezentanti l-valur tal-istess beni.

4. Tiffissa manteniment xieraq ghall-minuri Karim.

5. Takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri lill-esponenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati ghall-assenti fejn iddikjaraw illi mhux edotti mill-fatti u ghalhekk irrizervaw li jipprezentaw risposta guramentata meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimat minnhom rapprezentat.

Rat illi b'digriet tal-20 ta' April 2016 l-attrici giet awtorizzata mill-Qorti sabiex tipprocedi b'kawza.

Rat l-atti;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Ghal ragunijiet inspjegabbli l-attrici la xhedet u lanqas resqet ebda provi sabiex tissostanzja t-talbiet taghha.

L-attrici naqset ukoll illi tispjega ghaliex iz-zwieg li gie celebrat fl-esteru ma giex registrat fir-Registru Pubbliku tenut kont illi kif jirrizulta mid-dokument li l-attrici stess ipprezentat u li jinsab a fol. 31 tal-process l-attrici hija cittadina Maltija. Skond dan id-dokkument (fotokopja awtentikata mhux car minn min u meta) il-passaport Malti igib in-numru 1068440, mahrug fl-1 ta' Dicembru 2012 u li jiddikjara illi l-attrici hija cittadina Maltija.

Lanqas ic-certifikat taz-zwieg ma hu apostiled mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin f'Malta u ghalhekk ma hux skond il-procedura.

L-unika prova skond il-ligi li resqet l-attrici huwa ic-certifikat tat-twelid tal-minuri.

L-attrici pero' la xhedet dwar x'jaghmel il-konvenut u lanqas dwar il-htigijiet tal-minuri. Fi kwalunkwe kaz il-Qorti *sejra arbitrio boni viri* tistabbilixxi rata ta' manteniment li l-missier ghandu jhallas fl-interess tal-minuri.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi

1. Tichad l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba attrici.

2. Tilqa' r-raba' u l-hames talba attrici, takkorda l-kura u kustodja tal-minuri Karim esklussivament f'idejn l-attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' mitejn ewro fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet b'dan illi l-ispejjez tal-kuraturi deputati ghall-assenti ghandhom jithallsu mill-attrici.

| | |
|---|---|
| **Onor. Robert G. Mangion** | **Lydia Ellul** |
| **Imhallef** | **Deputat Registratur** |